**18 ta' April, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Arthur George Lambert et

*versus*

Anthony Buttigieg pro. et noe. et.

**Eredi — Kapaċità ta' mara miżżewġa li toqgħod f'kawża — Nullità — Kważi delitt — Responsabbiltà — Grad ta' responsabbiltà — Responsabbiltà solidali — Obbligu kontrattwali tal-lukandier — Interpretazzjoni u preżunzjoni legali — Danni — Lucru cessans — Art. 1074, 1075 (1), 1080, 1081, 1082 (1), 1088 (2), 1089 u 1093 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 782 (b), 790 (2) u 961 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*In-nuqqas ta' l-indikazzjoni espressa fil-kwalità ta' eredi fl-att*

*ta' ċitazzjoni ma tinnewtralizzax il-fatt li wieħed ikun effettivament tali.*

*Huwa fil-ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u kull min ikun f'din il-ħtija, iwieġeb għall-ħsara li tiġri b'din il-ħtija tiegħu.*

*In-nuqqas ta' prudenza jew diliġenza ta' grad akbar minn l-ordinarja — dik ta' bonus pater familias — ma tirrendix lil min ikun ħati ta' dan in-nuqqas korresponsabbli.*

*Mhux leċitu li wieħed jistaħba wara r-responsabbiltà ta' dak li jkun jidderiġi x-xogħol, billi jgħid li hu obda id-direzzjonijiet li ġew lilu mogħtija, meta jkun jaf li dik id-direzzjoni jew dak l-ordni mhux tajba u jistgħu jkunu ta' periklu wisq serju.*

*Ma hemm xejn inkompatibili bejn responsabbiltà kontrattwali u ħtija aquiliana. Jista' jkun hemm delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali.*

*Id-dispożizzjonijiet li jirrendu persuna responsabbli tal-fatt ta' ħaddieħor, billi huma fondati fuq preżunzjoni legali ta' ħtija, għandhom jirċievu interpretazzjoni restrittiva; għaliex il-preżunzjoni legali ta' ħtija, għandhom jirċievu interpretazzjoni restrittiva; għaliex il-preżunzjonijiet legali, billi huma "di stretto diritto", ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għall-ieħor.*

*Jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' nkapaċità totali għal dejjem.*

*Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilità, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi uħud minnhom ma kienux imxew dolożament, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.*

*Il-qorti tista' tqassam fuq kull wieħed li jkun ħa sehem fil-ħsara s-somma meħtieġa għall-ħlas ta' l-istess ħsara, f'isħma ndaqs jew mhux indaqs skond iċ-ċirkostanzi, bla preġudizzju dejjem tal-jedd ta' dak li jħati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom, u dawn lejh għandhom ilkoll jiġu kkundannati "in solidum".*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-atturi — wara li ppremettew li huma kienu alloġġjati fil-"Modern Imperial Hotel", f'Rudolphe Street, Sliema, proprietà tal-konvenut Anthony Buttigieg, — u li dana l-konvenut Buttigieg inkarika lid-ditta "Butan Gas (Malta) Limited" biex jagħmlu installazzjoni ta' "Water heater" f'kamra tal-banju fl-imsemmija lukanda tiegħu, f'liema kamra ma kienx hemm ventilatur, — u li l-istess ditta "Butan Gas (Malta) Limited", permezz tar-rappreżentant tagħha Wilfred Tabone, u Carmelo Micallef, fil-kwalità tiegħu ta' plumber u installatur ta' "fittings" tal-gas, għamlu installazzjoni ħażina ta' "Water heater" fl-imsemmija kamra tal-banju li kienet mingħajr ventilatur u li qiegħda *quddiem il-kmamar numri 37 u 39 fl-imsemmija lu*kanda, — u li minħabba dan in-nuqqas ta' ħsieb, traskuraġini u nuqqas ta' ħila fl-arti tagħhom, kif ukoll minħabba l-fatt li l-kamra kienet mingħajr ventilatur, u minħabba fatturi oħra li jirriżultaw aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, fit-tlieta (3) ta' Awissu, 1957, ġiet kaġonata l-mewt ta' Robert George Lambert, ta' erbatax-il sena, l-uniku tifel ta' l-atturi li kien mar jieħu banju fil-kamra fuq indikata fil-lukanda fuq imsemmija fejn kien alloġġjat flimkien ma' l-imsemmijin ġenituri tiegħu — talbu li — prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabilità tal-konvenuti solidalment, jew ta' min minnhom, għal mewt ta' l-imsemmi Robert George Lambert — il-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu flimkien, jew/min minnhom, lill-atturi, għar-raġunijiet premessi, dik is-somma, in linea ta' danni, li tiġi likwidata okkorrendo per mezz ta' periti.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony But-

tigieg li biha ssottometta *illi hu* mhux responsabbli tad-danni li l-atturi jippretendu li sofrew peress li fl-installazzjoni tas-servizz tal-gas impiega u inkariga lid-ditta konvenuta "*Butan* Gas Company *(Malta) Limited*" *li* hi *esperta* f'dan *ix-xogħol*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Micallef li biha *ssottometta:*

Preliminarjament, illi l-atturi ma ppruvawx illi *huma* l-*eredi* ta' *Robert George Lambert;*

Fil-meritu, illi l-mewt ta' l-imsemmi Robert George Lambert *ma ġratx bħala konsegwenza ta'* ebda ħtija jew *imperizja* ta' l-eċċipjent;

*Rat in-nota* ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Tabone u Aurelio Mea f'isimhom proprju u bħala diretturi u a nom tal-"Butan Gas Company (*Malta*) *Limited*" li biha ssot*tomettew:*

Preliminarjament, *illi l-atturi* ma ppruvawx illi huma l-*eredi ta'* l-*imsemmi* Robert George Lambert;

Fil-meritu, illi huma, *la f'isimhom* proprju u lanqas bħala rappreżentanti tad-ditta riferita, ma huma f'ebda mod responsabbli għad-danni pretiżi mill-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Wilfred Tabone "proprio et nomine" li biha ssottometta:

Preliminarjament, illi l-attriċi Mabel Lambert imissha għamlet il-kawża bl-assistenza ta' żewġha u għalhekk l-azzjoni *kif ġiet proposta in rigward* tagħha ġiet proposta ħażin u hemm lok għal "liberatoria ab observantia" fil-konfront tagħha; u, inoltri, peress illi t-tifel miet "*ab intestato*", qabel

ma saret it-talba għall-indenniz (li talvolta tmiss lill-eredi) kien imissa ġiet attenuta dikjarazzjoni tal-apertura tas-suċċessjoni tiegħu mill-Qorti kompetenti, u għalhekk hemm lok għal "liberatoria ab observantia";

Fil-meritu, illi d-disgrazzja ma kienitx dovuta għal xi ħtija da parti ta' l-eċċipjent li ta l-istruzzjonijiet u avviżi meħtieġa, imma kienet dovuta għal fatt illi ħaddieħor ma segwiex dawn l-istruzzjonijiet u dawn l-avviżi; u, inoltri, "in subordine", kien hemm kontribuzzjoni għall-ġrajja ta' l-istess disgrazzja mingħand dik il-persuna li ma segwietx l-imsemmijin istruzzjonijiet u avviżi; kif ukoll da parti ta' l-omm ta' l-imsemmi tifel li kienet negliġenti u anke da parti ta' l-istess tifel;

Omissis;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku maħlufa fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1961;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali maħlufa fl-ewwel (1) ta' Marzu, 1961, u l-verbali tas-seduti quddiem il-perit u d-dokumenti prodotti ta' l-istess relazzjoni;

Omissis;

Tikkunsidra:

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari li għandha tiġi konsiderata u deċiża hi dik sollevata mill-konvenut Wilfred Tabone fis-sens li Mabel Lambert imissha għamlet il-kawża bl-assistenza ta' żewġha u għalhekk il-kawża kif proposta għarrigward tagħha hi proposta ħażina.

Hu veru li skond l-artikolu tal-kodiċi ċivili l-mara ma

tistax toqgħod f'kawża mingħajr il-konsens jew il-għajnuna ta' żewġha, jew, fin-nuqqas ta' dawn, mingħajr is-setgħa tal-Qorti tal-ġurisdizjoni volontarja, u skond l-artikolu 782 (b) tal-kodiċi tal-proċedura ċivili l-mara miżżewġa m'hiex kapaċi biex toqgħod f'kawża bħala attriċi jew bħala konvenuta mingħajr l-awtorizzazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha; iżda skond l-artikolu 790 (2) tal-kodiċi tal-proċedura ċivili n-nullità minħabba n-nuqqas tal-konsens tar-raġel ma tistax tinġieb 'il quddiem ħlief mir-raġel. Issa, fil-każ preżenti, ir-raġel hu ko-attur mal-mara, u allura sewwa kkonkluda l-perit legali illi l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa.

Għaldaqstant tirrispinġi din l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut Wilfred Tabone "Proprio et nomine".

It-tieni eċċezzjoni preliminari hi dik li l-atturi ma ppruvawx li huma l-eredi ta' Robert George Lambert, sollevata mill-konvenuti Carmelo Micallef u Joseph Tabone u Aurelio Mea. Għal dan ukoll tammonta l-eċċezzjoni tal-konvenut Wilfred Tabone li l-atturi, qabel ma għamlu t-talba, imisshom ottenew dikjarazzjoni tal-apertura tas-suċċessjoni ta' l-imsemmi Robert George Lambert mill-Qorti kompetenti peress illi dana miet intestat.

L-atturi, fl-att ta' ċitazzjoni, għamlu t-talba tagħhom mingħajr ma qalu li qegħdin jagħmluha bħala eredi ta' binhom, l-imsemmi Robert George Lambert, u lanqas ma indikaw ruħhom espressament b'dik il-kwalità fl-att ta' ċitazzjoni; iżda, kif sewwa ssottometta l-perit legali, ma hemmx bżonn li min jaġixxi in forza tad-drittijiet ta' l-awtur tiegħu jesprimi dik il-kwalità b'żieda għal ismu, fl-occhio ta' ċitazzjoni, u n-nuqqas ta' l-indikazzjoni espressa tal-kwalità ta' eredi fl-att ta' ċitazzjoni *ma tinnewtralizzax il-fatt li wieħed ikun effettivament tali.*

Issa l-imsemmi Robert George Lambert hu tifel uniku ta' l-atturi (fol. 13) u allura l-wirt imiss *lill-atturi* u *lilhom biss* u kwindi ma jirrikorrix il-każ tal-proċedura ta' l-apertura tas-suċċessjoni, u għandu jitqies li l-atturi bil-proposizzjoni tal-kawża aċċettaw l-istess wirt, nonostante li ma għamlux aċ-ċettazzjoni formali, billi, meta l-werriet jagħmel xi att li bil-fors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt u li ma kienx ikollu l-*jedd jagħmlu jekk mhux bħala werrieta*, jkun hemm l-aċċet-tazzjoni taċita tal-wirt. L-atturi ma setgħux jagħmlu l-kawża jekk mhux bħala werrieta ta' l-imsemmi Robert George Lambert billi d-dritt għad-danni li huma talbu minħabba l-mewt ta' l-istess Robert George Lambert hu mil-liġi mogħti lill-werrieta ta' dana.

Anke din l-eċċezzjoni kwindi hi respinta bl-ispejjeż kontra l-imsemmijin konvenuti li ssollevawha.

Tikkunsidra fil-meritu:

Il-fatti li pprecedew u taw lok għal din il-kawża huma brevement dawn:

L-atturi kienu residenti fil-lukanda msemmija fl-att ta' ċitazzjoni. Fit-tlieta (3) ta' Awissu, 1957, għal ħabta tas-6.45 p.m., l-attriċi ħadet banju fil-kamra tal-banju msemmija fl-istess att ta' ċitazzjoni. Qabel ma ħadet il-banju l-attriċi għalqet it-tieqa ta' dik il-kamra. Meta daħlet għal banju xammet riħa ħelwa li għarfet bħala riħa ta' "Butan Gas". Dik il-kamra, skond l-attriċi, kellha dejjem ċerta riħa (was always a bit smelly). L-attriċi qalet li ma damitx iktar minn għaxar minuti tieħu l-banju. Meta spiċċat il-banju reġgħet fetħet l-ilma sħun għal ġo l-banju għat-tifel (l-imsemmi George Robert Lambert) li kien daħal fil-kamra biex jieħu banju warajha. L-attur (ir-raġel tagħha u missier it-tifel) kien preżenti meta l-attriċi fetħet l-ilma (fol. 47); imbagħad, evidentement, telaq. L-aħ-

ħar *kliem li l-attriċi qalet lit-tifel* kienu biex ma jmiss iktar l-ilma sħun, imma jagħmel biss l-ilma kiesaħ, u hu qallha: "I won't come to you, mum, I'll go and meet daddy", u allura hi telqet mill-kamra tal-banju u ħalliet fiha lit-tifel waħdu u għalqitlu l-bieb tal-kamra. Dana kien għal ħabta tas-7 p.m. L-attriċi qalet li żewġha ġie għal xi 7.40 p.m. u hi saqsietu jekk kienx ra t-tifel u hu rrispondiha li ma kienx rah. L-attur qal li fis-7.30 p.m. kien fil-lukanda u martu kienet hemm ukoll u hu saqsiha jekk it-tifel kienx magħha, u li hi rrisponditu li kienet taħseb li kien miegħu (she said she thought he was with me). L-attur allura beda jimmaravilja ruħu għaliex it-tifel ma kienx mar jgħidlu, kif kien soltu jagħmel, li kien ħiereġ u bħal ħass li kien għadu fil-kamra tal-banju. Tela' jiġri fuq u ħabbat fuq il-bieb tal-kamra tal-banju u billi ma kellux risposta, bl-għajnuna ta' ġuvni tefgħu l-bieb ġewwa u sabu t-tifel għal tulu fl-art. Ġiet applikata r-respirazzjoni artifiċjali, imma t-tabib Albert Camilleri, li ġie msejjaħ, iddikjara li *t-tifel kien ġa mejjet.*

Ġie stabbilit li l-kawża tal-mewt tat-tifel kienet asfissia minn avvelenament minn Monossido di Carbonio.

Il-kamra tal-banju kellha, imwaħħal mal-ħajt "sink water heater" awtomatiku tip 511 biex jiġi wżat b'"liquid petroleum gas". Il-kamra hija żgħira ħafna u l-"water heater" ma kellux "flue" li hi neċessarja, jekk ma jittieħdux provvedimenti u kawteli oħra biex il-gassijiet ħżiena (waste products of combustion) jiġu eliminati mill-kamra speċjalment meta dina tkun żgħira. Fuq dawn il-partijiet jaqblu.

Mill-provi jirriżulta illi l-geysers tal-lukanda fuq imsemmija, qabel il-każ, kellhom il-ħsara. Il-konvenut Antonio Buttigieg, proprietarju tal-lukanda, billi kellu ħafna nies fl-istess lukanda, ried installazzjoni urġenti ta' "Water heaters" u għalhekk *talab lill-konvenut Wilfred Tabone, manager ta' "Fores-*

tals" u tal-"Butan Gas (Malta) Limited", biex jagħmillu "Water heaters" temporanei. Ix-xogħol sar bl-urġenza; però ma ġiex pruvat li dawn il-"water heaters" huma ħżiena jew li ġew imwaħħlin ħażin. Wieħed minn dawn il-"water heaters" ma iffunzjonax tajjeb u ġie sostitwit bil-mudell 511, preċiżament fil-kamra tal-banju fuq imsemmija.

Skond l-espert Symon f'Malta il-"Liquid petroleum gases" jikkontjenu sa ħamsa u erbgħin fil-mija (45%) "propane" u l-kumplament "Butane". Il-limiti ta' infjammabilità ta' dawn il-gassijiet qiegħed bejn 2.3% gas u 97.7% arja u 9.5% gas u 90.5% arja, u x'imkien bejn din l-estensjoni (range), preferibilment ma dwar l-4.7% gas u 95.3% arja, qiegħed il-"combustion point" ideali. Kwindi, skond l-istess espert, volum żgħir ta' "Liquid petroleum gases" jirrikjedi volum kbir ta' arja biex isostni kondizzjonijiet ta' kombustjoni ideali. Intant il-kamra kienet żgħira u l-attriċi għalqet it-tieqa qabel ma operat il-"water heater". Damet xi għaxar minuti tieħu l-banju bit-tieqa u bil-bieb magħluqa. Meta spiċċa mill-banju u neħħiet l-ilma t-tieqa u l-bieb baqgħu magħluqa u, imbagħad, l-attriċi fetħet il-bieb biss sakemm daħal it-tifel u ħallietu imbexxaq sa kemm imliet il-banju bl-ilma sħun u reġgħet għalqitu meta mliet l-ilma sħun u ħarġet biex it-tifel jieħu l-banju.

Skond il-perit espert "The most probable explanation of what happened is that when the heater was at first operated by plaintiff (l-attriċi) there was sufficient air to support efficient combustion. The products of combustion $CO^2$ (Carbon Dioxide and $H^2O$ (Water) were possibly normal. $CO^2$ being heavier than air fell to the floor of the bathroom. The volume of $CO^2$ increased and because of the small floor area of the bathroom gradually filled the space between the floor and the heater. The air to support combustion ran short and the products of incomplete combustion were possibly $CO^2$ and L.P.

gases, the latter like $CO_2$ is heavier than air. The mother of the boy *when in the bathroom and when replenishing* the bath water was possibly in a more or less standing position and was breathing comparatively fresh air above the $CO_2$ blanket whereas the boy when he went into the bath was inhaling $CO_2$ (carbonic 'acid' gas) and possibly some L.P. gases. The boy was asphyxiated".

Kieku kien hemm l-imsemmija "flue" dana ma kienx jiġri. Ġia fuq ġie rilevat illi speċjalment meta l-kamra tkun żgħira u mhux suffiċjentement ventilata, dina l-"flue" hija neċessarja speċjalment meta l-"heater" idum qiegħed jiffunzjona għal iktar minn għaxar minuti. Fl-"Instruction card" għall-użu ta' dawn il-heaters jingħad: "Flue. Normally for intermittent use no flue is necessary; but if the period for one operation exceeds 10 minutes, or if the room is inadequately ventilated, a flue must be fitted".

Riferibilment għar-responsabilità għad-dannu li ġie kaġjonat minħabba l-mankanza tal-"flue" fuq imsemmija, jiġifieri għal-mewt, per asfissja minn avvelenament minn monossido di carbonio, tat-tfajjel Robert George Lambert, din hija regolata mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ċivili tagħna relativi għal kważi delitti, u hawn mhux barra minn loku li jiġi rilevat illi wieħed għandu joqgħod wisq attent qabel ma jirrikorri għal, u japplika, insegnamenti tal-kommentaturi tal-kodiċijiet taljani u franċiżi u ġurisprudenza bażata fuq dawk il-kodiċijiet, u dan għaliex hemm fil-materja diverġenzi kbar bejn id-disposizzjonijiet tal-kodiċi tagħna u dawk tal-kodiċijiet riferiti, u wisq iktar għandu wieħed joqgħod attent qabel ma japplika d-dottrina u l-ġurisprudenza ingliża.

Ġia ġie rilevat illi l-"Water heater" ġie installat mill-"Butan Gas (Malta) Limited" u dan per mezz tat-tekniku tagħ-

hom, il-konvenut Carmelo Micallef. L-installazzjoni saret sewwa; iżda — u dan ukoll ġie rilevat — ma ġietx imqiegħda "flue". Fil-fehma tal-Qorti għandu jiġi ritenut pruvat illi dana Micallef qal lil Ebejer, impjegat tal-konvenut Buttigieg, biex jagħmlu "flue" u tah ukoll "Instruction card", jiġifieri karta stampata kontenenti l-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-istess "heater". Ma jirriżultax li dan Ebejer irriferixxa lil konvenut Buttigieg x'kien qallu Micallef u lanqas ma urih l-"Instruction Card" fuq riferita u lanqas ma jirriżulta sodisfaċentement pruvat li Micallef qal l-istess ħaġa direttament lill-konvenut Buttigieg jew li wrih l-imsemmija karta ta' istruzzjonijiet. Jiswa f'dan il-punt li jiġi rilevat illi għalkemm kull meta, fil-verbali tax-xhieda u fir-relazzjoni tal-perit, issemma l-imsemmi Ebejer, dana ġie kwalifikat bħala "it-tekniku tal-hotel"; iżda, mix-xhieda ta' l-istess konvenut Buttigieg, jirriżulta illi l-istess Ebejer ma kien xejn persuna teknika u ma kienx ġie impjegat espressament bħala tekniku biex jieħu ħsieb u kura ta' l-installazzjonijiet tal-gas, tal-ilma u ta' l-elettriku li kien hemm fil-lukanda.

Ir-responsabbilità tal-konvenuti Wilfred Tabone, Joseph Tabone u Aurelio Mea f'isimhom proprju u bħala diretturi u a nom tal-Butan Gas Company (Malta) Limited, u, okkorrendo l-istess Joseph Tabone u Aurelio Mea għad-ditta "Forestals Limited" tirriżulta ċara. Dawna jimpurtaw u jissuplixxu l-"butan gas" u bħala tali kienu jafu, jew imisshom kienu jafu, bil-perikoli li dana l-kummerċ tagħhom jista' jarreka u x'għandhom jagħmlu biex jevitaw dawk il-perikoli. Kieku ma kienux jafu bil-bżonn tal-"flue" biex jitneħħa l-perikolu ta' dak li fil-fatt ġara, ir-responsabbilità tagħhom kienet tkun fondata fuq id-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 1081 tal-kodiċi ċivili li tobbliga lil kull min jindaħal għal xogħol jew servizz, mingħajr ma jkollu l-ħila, jikkaġuna lil ħaddieħor. Jekk huma kienu jafu bil-ħtieġa ta' dik il-"flue" — u jirriżulta li fil-fatt kienu jafu — allura r-responsabilità tagħhom hi

fondata fuq id-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 1075 (1) tal-kodiċi ċitat li tqis fil-ħtija kull min fl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja u kull min ikun f'din il-ħtija, skond l-artikolu ta' qabel, iwieġeb għall-ħsara li tiġri b'din il-ħtija tiegħu. M'humiex skuża tajba, biex tneħħilhom din ir-responsabilità, iċ-ċirkostanzi li l-impjegat Micallef, li poġġa fil-post il-"heater" taħt id-direzzjoni tal-konvenut Wilfred Tabone, avża lill-imsemmi impjegat tal-lukanda bil-ħtieġa tal-"flue" u li tah l-imsemmija karta ta' istruzzjonijiet, u lanqas iċ-ċirkostanza illi l-imsemmi Wilfred Tabone spjega — kif hu jgħid li għamel — lill-imsemmi mpjegat x'kellu jagħmel u x'kellu ma jagħmilx għall-użu tal-"water heaters" u li qallu li "l-unika tieqa li kien hemm fil-kamra kellha tinżamm miftuħa meta l-"water-heater" ikun jiffunzjona. Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu biss, f'ċirkostanzi adatti, jirrendu lil ħaddieħor kontribwenti għad-dannu.

Kwantu għar-responsabilità tal-konvenut Carmelo Micallef, anke din hi fondata fuq l-imsemmi artikolu 1075 (1) tal-kodiċi ċivili, billi hu kien jaf li dak il-"heater" li kien qiegħed jinstalla, sia pure taħt id-direzzjoni tal-konvenut Wilfred Tabone, kellu jiġi wżat bil-"butan gas" u kien jaf x'seta' jissuċċedi mingħajr l-applikazzjoni ta' "flue" u intant, wisq imprudentement, installa dak il-"heater" u ħallieh lest għal kollox biex jiġi wżat malli jiġi supplit il-"butan gas" mingħajr, iżda, ma assikura ruħu li hemm "flue". Xejn ma jiswa li jiġi rilevat għad-diskarigu tiegħu li hu installa l-"heater" bħala mpjegat tad-ditta "Butan Gas Company (Malta) Limited", u li għamel dik l-installazzjoni taħt id-direzzjoni tal-"manager" ta' dik id-ditta, għaliex mhux leċitu li wieħed jistaħba wara r-responsabilità ta' dak li jkun qiegħed jidderiġi x-xogħol, billi jgħid li hu obda d-direzzjonijiet li ġew lilu mogħtija, meta jkun jaf li dik id-direzzjoni jew dak l-ordni m'hiex tajba u jistgħu jkunu ta' perikolu wisq serju. Hu żgur

li ma jistax jitqies li jkun mexa bil-prudenza, bid-diligenza u bil-ħsieb tal-"bonus paterfamilias" dak il-ħaddiem li jobdi u jesegwixxi direzzjoni li hu jkun jaf li m'hix tajba u tista' tarreka ħsara. Fil-każ li jobdi u jesegwixxi dik id-direzzjoni r-responsabilità għall-ħsara li tiġri minħabba fiha tkun tiegħu wkoll. Ir-responsabilità ċivili li tiggrava fuq il-persuna li tkun iddiriġiet ix-xogħol a kaġun tal-fatt dannus ma timpedix illi min jesegwixxi dak il-fatt dannus ikun anke huwa responsabbli in forza ta' l-artikoli 1074 u 1075 (1) tal-kodiċi ċivili.

Kwantu għar-responsabbilità tal-konvenut Buttigieg:

Kif sewwa irrileva l-perit legali, bejn proprjetarju ta' lukanda u l-alloġġjat jeżisti kuntratt. Il-lukandier impliċitament jobbliga ruħu li jagħti servizz tajjeb u, bla dubbju, servizz li ma jarrekax danni lill-alloġġjati. Issa, l-fatt li l-"water heaters" kienu bla "flue" f'kamra żgħira u mhux ventilata, hu biżżejjed biex imur kontra l-obbligu kontrattwali tal-lukandier li jagħti servizz tajjeb. In-nuqqas ta' servizz tajjeb, fih innifsu u bla ebda fattur aċċidentali, kien tant gravi fil-fatt in ispecie, illi ikkaġuna l-mewt ta' tifel li kien alloġġjat fil-lukanda. Ir-responsabilità għad-danni, in rigward tal-konvenut Buttigieg, hi għalhekk derivanti mill-inadempiment tal-kuntratt.

Però r-responsabilità ta' l-istess konvenut Buttigieg fil-każ preżenti tidderiva wkoll minn kważi delitt, u, kif sewwa irrileva l-perit, ma hemm xejn inkompatibili bejn responsabilità kontrattwali u ħtija aquiliana. Kif ġia din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tirrileva jista' jkun hemm delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet.

Ir-responsabilità "kwasi ex delicto" tal-konvenut Buttigieg ma toħroġx mid-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 1082

(1) tal-kodiċi ċivili, għaliex b'dik id-disposizzjoni l-liġi ġġiegħel *lill*-Lukandier iwieġeb għal ħsara li l-persuna minnu *mpjegata tikkaġuna, fiż-żmien ta' l-impieg tagħha, fil-ħwejjeġ* li jkunu nġiebu fil-lukanda mill-persuna li tkun ħadet alloġġ fiha, u d-*disposizzjonijiet li jirrendu* persuna responsabbli talfatt ta' ħaddieħor, billi huma fondati fuq presunzjoni *legali* ta' ħtija, għandhom, għalhekk biss, jirċievu interpretazzjoni restrittiva; għaliex il-presunzjonijiet *legali, billi* huma "di stretto diritto", ma jistgħux jiġu estiżi minn każ għall-ieħor.

L-anqas ma toħroġ mid-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 1080 tal-kodiċi ċitat, billi hu ma qabbadx, għall-installazzjoni tal-"heater", lil min ma kienx ta' ħila jew lil min ma kellux raġun jaħseb li hu ta' ħila, għaliex hu qabbad lill-"Butan Gas Company (Malta) Limited li hi ditta esperta f'dawn l-*installazzjonijiet*.

Imma r-responsabilità tal-konvenut Buttigieg hi fondata fuq *l-artikolu* **1074** *ta' l-istess kodiċi* ċitat li ġġiegħel lil kull persuna twieġeb għall-ħsara *li* tiġri bi ħtija tagħha, u din il-ħtija tal-konvenut Buttigieg toħroġ minn nuqqas ta' diliġenza u ta' ħsieb da parti tiegħu *li jkollu heater f'kamra tal-banju* tal-lukanda tiegħu li jista' jiffunzjona bil-butan gas mingħajr perikolu għal min jużah. Hi ħaġa li kulħadd jafha li "heaters" bl-użu ta' gas jistgħu jkunu perikolużi u jistgħu jikkaġunaw anke asfissija u li jeżisti l-mezz biex dan il-perikolu jiġi evitat, u allura kien preċiż dover tiegħu li jindaga x'kienu r-rimedji u jaċċerta ruħu li dawk ir-rimedji ġew applikati u ma jħallix lill-alloġġjati jużaw il-"heater" qabel ma jkun assikura ruħu *li* r-rimedji ġew fil-fatt applikati, fil-każ preżenti l-applikazzjoni *ta' "flue", u, kif sewwa rrileva l-perit, lanqas* ma jista' jiġi obbjettat illi kieku t-tieqa u l-bieb inżammu miftuħa, kien *ikun hemm ventilazzjoni* sufficjenti, għaliex l-alloġġjati ma ġewx avżati li ma għandhomx jużaw il-"heater" jekk ma jiftħux it-tieqa u l-bieb sakemm jintela' l-banju u tidħol

*ftit arja*, ħaġa li *normalment l-alloġġjati m'għandhomx jis*-supponu li għandhom jagħmlu. Il-fatt hu li l-konvenut Buttigieg lanqas ma qara *l-istruzzjonijiet fuq* il-karta li ġiet mogħtija minn Micallef lill-impjegat tiegħu Ebejer. Evidentement hu strieħ fuq dana l-impjegat Ebejer li qabbad biex isir jaf kif jaħdem il-"heater" u dana Ebejer ma *rriferilux* l-istruzzjoni li kien tah l-imsemmi Micallef fis-sens li kellhom jagħmlu "flue", u lanqas ma wriħ il-karta ta' l-istruzzjonijiet; imma dana kollu ma neħħilux il-ħtija, anke għaliex, kif hu stess qal fix-xhieda tiegħu, l-imsemmi Ebejer lanqas ma kien impjegat bħala tekniku ta' l-istallazzjonijiet tal-elettriku, gas u ilma, u allura wisq iktar imissu ħa l-ħsieb li jaċċerta ruħu hu. personalment, li kollox kien sar sewwa biex ma jkunx hemm perikolu *għal min juża* l-"heater" jew, almenu, biex isir jaf, *kif kellu jiġi wżat*, per *eżempju li ma setax jiġi wżat (min*-għajr flue) jekk mhux bit-tieqa u bil-bieb miftuħa sakemm jintela l-banju, ħalli mbagħad jieħu l-ħsieb li jikkomunika dawk l-istruzzjonijiet lil min ikun alloġġjat fil-lukanda.

Il-konvenut Wilfred Tabone allega illi *t-tifel ikkontrib*-wixxa għad-disgrazzja; iżda kif sewwa ssottometta l-perit. ma ġie xejn pruvat kontra t-tifel.

Ġiet ukoll eċċepita b'korresponsabbilità ta' l-attriċi, omm it-tifel, li kienet negliġenti għaliex xammet riħa ta' gas u intant ma tatx każ.

L-*attriċi* xehdet "When I went into the bathroom for my bath I *smelt a sweet smell which I recognised* as Butan. The room was always a bit smelly..." "When I noticed that the bathroom had a sweet *smell it did not* occur to me to report the matter as I always held Butan to be a bit smelly".

Il-Qorti tħoss li xi ftit tal-ħtija, żgħira kemm *hi żgħira*, l-attriċi għandha. Meta xammet dik ir-riħa ħelwa, u li għar-

fet bħala riħa ta' butan gas, setgħet tieħu xi prekawzjoni, almenu issaqsi jekk kienx hemm xi perikolu li wieħed jintgħalaq f'dik il-kamra b'dik ir-riħa, qabel ma għalqet waħdu littifel ġo fiha; iżda din, taħt iċ-ċirkostanzi, speċjalment, fost ċirkostanzi oħra, meta hi kienet għadha kif ħadet banju u ma ġralha xejn kienet tkun, fil-fehma tal-Qorti, prudenza u diliġenza ta' grad akbar minn l-ordinarja — dik tal-bonus pater familias — u n-nuqqas ta' prudenza jew diliġenza ta' dan ilgrad akbar ma jirrendihiex, skond il-liġi, korresponsabbli.

Il-konvenuti, kollha, għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huma responsabbli; iżda fi grad differenti: fl-ikbar grad il-konvenuti Wilfred Tabone, Joseph Tabone u Aurelio Mea f'isimhom u għal Butan Gas Company (Malta) Limited, u bejniethom flewwel grad Wilfred Tabone li kellu d-direzzjoni tax-xogħol u mbagħad fi grad ugwali t-tnejn l-oħra; fi grad inqas il-konvenut Antonio Buttigieg f'ismu u bħala proprietarju tal-lukanda, u fl-iżgħar grad il-konvenut Carmelo Micallef.

Skond il-liġi (art. 1089, Kodiċi Ċivili) jekk minħabba l-egħmil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel. Skond l-artikoli ta' qabel, kif kien meta saret id-disgrazzja (1088(2), "is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-Qorti wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u, fuq kollox, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara; iżda meta l-ħsara ma tkunx ikka ġunata dolosament, is-somma stabbilita mill-Qorti m'għandiex tkun iżjed minn elf u mitejn lira (£1,200).

Fil-każ preżenti l-ħsara ma ġietx ikkaġunata dolosament.

Kif sewwa ssottometta l-perit legali, fil-likwidazzjoni ta'

din is-somma ta' danni li l-Qorti tista' tagħti lill-werrieta, minn naħa waħda *wieħed għandu jqis li l-eredi tal-mejjet jitqiegħdu* kemm jista' jkun fl-istess posizzjoni li kienu jkunu kieku d-disgrazzja ma ġratx, u, mill-oħra, jara dawn l-eredi humiex dipendenti u xi kwalità ta' dipendenti huma.

Inoltri, f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegħ hija ħaġa ta' probabilità mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument *għallieħor anki għal* kwalunkwe kawża naturali, bħal mewt jew mard tad-danneġġjat, u, trattandosi ta' eredi li kellhom jew li kienu jistennew l-għajnuna tad-danneġġjat, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni r-riskkji u l-kambjamenti li setgħu jkollhom influwenza fuq l-istess danneġġjat u fuq l-istess eredi.

Għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-grad ta' negliġenza.

Fil-każ preżenti, kif irrileva l-perit, il-vittma kien tifel ta' erbatax-il sena magħluqa. Ma kienx jaħdem u, skond ix-xhieda ta' missieru, ma kienx biħsiebu jaħdem qabel it-tmintax-il sena. Kien għadu jmur l-iskola navali u kien tajjeb fl-istudju. Kien beħsiebu jidħol fin-Navy bħala "artificer" u bħala tali, speċjalment wara ftit snin, kien jaqla' flus tajba. L-eredi huma l-ġenituri tiegħu. Il-missier (l-attur), meta ġara *l-każ, kien għadu fin-Navy; però kien wasal* biex jirtira, imma ġie lilu estiż iż-żmien minħabba l-każ. Tant l-omm kemm il-missier għandhom fuq il-ħamsin sena. Sejjer ikollhom pensjoni biex jgħixu; iżda kienu jittamaw illi t-tifel għad igħinhom fi xjuħithom.

Il-perit legali — wara li ħa in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi fuq riferiti u wara li rrifletta illi għalkemm it-tifel ma kienx jaqla, iżda kellu speranza ta' qliegħ li tammonta għal

probabilità kbira; li kien ta' età aktarx viċina għal meta kien sejjer jibda jaqla; li kien tifel b'saħħtu b'aspettativa ta' ħajja qawwija; li l-ġenituri tiegħu kellhom id-dritt jittamaw li jgħinhom fi xjuħithom wara li rabbewh u edukawh; u minn naħa l-oħra li l-mewt ħadd ma jaf meta tiġri u li t-tifel seta' marad ukoll u setgħu ġrawlu fil-ħajja bosta kontinġenzi oħra; li kien għad iridu jgħaddu erba' snin biex jibda jaħdem; f'liema żmien il-ġenituri tiegħu kienu jridu jonfqulu għall-manteniment tiegħu; li seta' meta jikber ma jagħtihom xejn u ma jaħsibx fihom meta dawn kellhom pensjoni — issottometta illi l-imsemmijin danni jiġu likwidati fis-somma ta' sitt mitt lira £600), in-nofs ta' dak li meta ġara l-każ kienet tagħti l-liġi.

Il-Qorti, konsiderati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ma ssib l-ebda raġuni biex ma taċċettax il-likwidazzjoni suġġerita mill-perit.

Ma din is-somma ta' sitt mitt lira (£600) għandha tiġi aġġunta s-somma ta' għoxrin lira u għaxar xelini (£20.10.0) spejjeż li l-attur ħallas għall-funerali ta' l-imsemmi ibnu, u għalhekk is-somma li l-konvenuti għandhom iħallsu lill-attur hi ta' sitt mija u għoxrin lira u għaxar xelini (£620.10.0).

Skond il-liġi "Jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha minn għand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ilkoll jew xi wħud minnhom ma kienux imxew dolożament, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn. F'dan il-każ, il-konvenut jista' jitlob li dawk kollha li jkunu kkaġunaw il-ħsara jiġu msejħa fil-kawża bil-mod u għall-effetti msemmijin fl-artikolu 961 tal-kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kapitlu 13), u l-Qorti tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara, f'liema ndaqs jew mhux indaqs skond iċ-ċirkostanzi, bla preġudizzju dejjem tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob

il-ħlas tas-somma kollha mingħand kull min irid minnhom, u dawn *lejħ għandhom ilkoll jiġu kkundannati "in solidum"* (art. 1093 (1) u (2), Kodiċi Ċivili).

Fil-każ preżenti l-atturi għamlu t-talba tagħhom kontra l-konvenuti "flimkien jew min minnhom" prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabilità ta' l-istess konvenuti solidalment. Il-konvenuti, kif ġia ingħad, huma lkoll responsabbli; sebbene fi grad differenti, u ma tistax tiġi stabbilita l-biċċa tal-ħsara *l, kull wieħed minnhom ikkaġuna, u allura,* konformament għad-disposizzjoni tal-liġi proprju issa ċitata, il-Qorti tqassam fuq kull wieħed mill-konvenuti l-imsemmija somma ta' sitt mija u għoxrin lira u għaxar xelini (£620.10.0) likwidata għal ħlas tal-ħsara, imma fil-konfront ta' l-atturi tikkundannahom solidalment għal ħlas tas-somma intiera.

Gia ġie rilevat li fil-fehemha tal-Qorti l-konvenuti Wilfred u Joseph Tabone u Aurelio Mea għandhom flimkien grad ta' responsabilità ogħla minn dik tal-konvenut Buttigieg u dana għandu grad ta' responsabilità ogħla minn dik tal-konvenut Micallef, u, fost il-konvenuti Wilfred Tabone, Joseph Tabone u Aurelio Mea, l-ewwel wieħed għandu grad ta' responsabilità ikbar minn tat-tnejn l-oħra billi kien il-"manager" tal-kumpanija. Bl-użu tal-arbitriju prudenzjali tagħha l-Qorti tqassam l-imsemmija somma ta' £620.10.0 kwantu għal tliet mija u għaxar liri u ħames xelini £310.5.0) a kariku tal-konvenuti *Wilfred Tabone, Joseph Tabone u Aurelio Mea flimkien; lie*ma somma, però għandha tiġi sopportata kwantu għal mija u ħamsa u ħamsin lira, żewġ xelini u sitt soldi (£155.2.6) minn Wilfred Tabone u kwantu għal nofs l-ieħor mill-konvenuti Joseph Tabone u Aurelio Mea, billi kull wieħed minnhom iħallas sebgħa u sebgħin lira, ħdax-il xelin u tliet soldi (£77.11.3); kwantu għal mitejn u tmienja u erbgħin lira u erba' xelini (£248.4.0) a kariku tal-konvenut Buttigieg, u kwantu għal tnejn u sittin lira u xelin (£62.1.0) a kariku tal-

konvenut Micallef.

Kwindi tiddeċiedi billi tilqa' d-domandi ta' l-atturi fis-sens li tiddikjara l-konvenuti solidalment responsabbli, fil-konfront ta' l-atturi, tal-mewt ta' binhom 'il fuq imsemmi Robert George Lambert; tillikwida fis-somma ta' sitt mija u għoxrin lira u għaxar xelini (£620.10.0) is-somma li għandha tiġi lill-istess atturi mħallsa In linea ta' danni u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu solidalment lill-istess atturi, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u relativi, din is-somma ta' sitt mija u għoxrin lira u għaxar xelini (£620.10.0); liema somma, fir-rapport tal-konvenuti bejniethom għandha tiġi sopportata kwantu għal mija u ħamsa u ħamsin lira, żewġ xelini u sitt soldi (£155.2.6) mill-konvenut Wilfred Tabone; kwantu għal seba' u sebgħin lira, ħdax-il xelin u tliet soldi (£77.11.3) mill-konvenut Joseph Tabone; kwantu għal sebgħa u sebgħin lira, ħdax-il xelin u tliet soldi (£77.11.3) mill-konvenut Aurelio Mea; kwantu għal mitejn u tmienja u erbgħin lira u erba' xelini (£248.4.0) mill-konvenut Buttigieg u kwantu għal tnejn u sittin lira u xelin (£62.1.0) mill-konvenut Micallef. L-ispejjeż tal-ġudizzju, dejjem fir-rapporti tal-konvenuti bejniethom, jiġu sopportati mill-istess konvenuti fil-proporzjon ta' kwart ($\frac{1}{4}$), ottav ($\frac{1}{8}$), ottav ($\frac{1}{8}$), żewġ kwinti (2/5) u wieħed minn għaxra (1/10) rispettivament minn Wilfred Tabone, Joseph Tabone, Aurelio Mea, Antonio Buttigieg u Carmelo Micallef.